MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2003

Numru 661/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Zarb u**
**Spettur Nezren Grixti)**

**Vs**

Mario Gauci
Ludgardu Magri
Marlon Briffa

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Mario Gauci, Ludgardu Magri u Marlon Briffa 324668(M), 507049(M) u 546483(M) rispettivament, akkuzati talli:

Fis-7 ta' Awissu 2003, fl-akwata maghrufa: 'il-Foss' fil-Belt Valletta:

Xjentement issoppremew jew b'xi mod iehor qerdu jew biddlu t-tracci jew indizji ta' reat, u dan bi ksur ta' l-artikolu 111(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna/i inkarigata/i skond il-ligi minn serviz pubbliku, fil-waqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-Awtorita' kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Mario Gauci u Marlon Briffa wahedhom:

Talli fis-7 ta' Awissu 2003, fl-akwata maghrufa bhala: 'il-Foss' fil-waqt ta' l-attakk jew tar-rezistenza, usaw arma regulari jew kienu hadu fuqhom minn qabel din l-arma bil-hsieb li jghinu dan l-attakk jew rezistenza, u dan bi ksur tal-Artikolu 97 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess cirkostanzi kellhom fil-pussess taghhom arma tan-nar, kif ukoll rounds (munizzjon) tal-marka mhux maghrufa, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Lil Mario Gauci wahdu:

Talli fis-7 ta' Awissu 2003, gewwa garaxx li jinsab: 8, Jews Alley, Port Valletta, kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar, u cioe' pistola, tal-Marka: Valtro mod: mini 9 calibre: 9 mm, serial no: F29720, u 2 live rounds, kif ukoll 2 live rounds ohra, .38 special, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;
Ukoll talli sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mghotija mill-Qrati tal-Appell fid-dati: 11 ta' Mejju 1992 u fil-Qrati tal-Magistrati fid-dati: 3 ta' Aptil 1995: 20 ta' Jannar 1998; u 25 ta' Novembru 1999.

Lil Ludgardu Magri wahdu:

Ukoll talli sar recediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mghotija mill-Qrati tal-Appell fid-dati: 20 ta' Gunju 1985; u fil-Qrati tal-Magistrati fid-dati: 12 ta' Frar 1988;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema sommarjament mhux opposta.

Semghet lill-imputati fl-udjenza tal-lum jirrigistraw ammissjoni fl-liema ammissjoni huma baqghu jippersistu anke wara li nghataw zmien jikkonsidraw.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata taghhom qeghdha issibhom hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghhom.

Tiddecidi l-kawza, billi:

1. fil-konfront ta' Mario Gauci, wara li rat l-Artikolu 111(2), 96, 97, 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 66 li tikkundannah Lm100 multa pagabbli zmien mhux aktar tard minn gimgha mill-lum.

2. fil-konfront ta' Ludgardu Magri, wara li rat l-Artikolu 112(2), 96, 49, 50, 17, 31 tal-Kap 9 li tikkundannah ghall-istess piena ta' Lm100 multa li tithallas b'pagamenti ta' Lm10 fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Settembru u pagamenti ta' Lm 10 kull l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttivi bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas anke ta' pagament wiehed.

3. fil-kontront ta' Marlon Briffa wara li rat l-Artikolu 111(2), 96, 97, u 17 tal-Kap 9 u l-Artikolu 3 tal-Kap 66 ghal multa wkoll ta' Lm100 multa li tithallas b'pagamenti ta' Lm10 fix-xahar l-ewwel pagament fl-ahhar ta' Settembru u pagamenti ta' Lm 10 kull l-ahhar ta' kull xahar sussegwenti u konsekuttivi bid-dekadenza taz-zmien fin-nuqqas anke ta' pagament wiehed.

Tordna l-konfiska tal-pistola Valtro ta’ numru serjali F29720 u tal-munizzjon.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------